DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR211322** **12.07.2021**

**STQARRIJA MILL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI U L-KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-FAMILJA**

Matul laqgħa konġunta bejn il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja li saret fis-7 ta' Lulju 2021, iż-żewġ kumitati tal-Kamra tad-Deputati tal-Parlament ta' Malta approvaw żewġ rapporti li jitrattaw temi ta' abbuż f'oqsma differenti tas-soċjetà.

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, magħmul miċ-chairman Silvio Parnis u l-membri David Agius, Ivan Bartolo, Justyne Caruana, Rosianne Cutajar, Maria Deguara u Silvio Grixti, approva rapport dwar l-abbuż fuq l-anzjani.

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja, magħmul miċ-chairman Anthony Agius Decelis, u l-membri David Agius, Claudette Buttigieg, Rosianne Cutajar u Silvio Grixti, approva rapport dwar l-abbuż minn minuri fuq adulti.

Dawn iż-żewġ rapporti ġew approvati b'mod unanimu mill-membri preżenti u ġew ippreżentati lill-Kamra fis-seduta tal-lum tal-Parlament miż-żewġ chairpersons. Iż-żewġ rapporti huma annessi ma' din l-istqarrija.

**Attachments: documents** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700

press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

**RAPPORT DWAR L-ABBUŻ FUQ L-ANZJANI**

**MILL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI**

**DIĊEMBRU 2019**

## Introduzzjoni

L-anzjani huma pilastru tas-soċjetà, u għadhom fil-qalba tal-familja Maltija. Il-popolazzjoni tal-anzjani qegħda tiżdied u r-realtà tal-anzjanità f'Malta qed tinbidel ukoll. Għaldaqstant il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali ħass il-bżonn illi jindirizza dan is-suġġett, u li jisma' dak li qed jiġri mingħand persuni li huma esperti fil-qasam, sabiex eventwalment ikun jista' joħroġ ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu fuq dak li hemm bżonn isir għall-ġid tal-anzjani.

## Il-laqgħat

Matul l-2019, il-Membri tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali lltaqgħu ma' numru ta' esperti u ma' nies li jaħdmu fil-qasam tal-anzjani, sabiex jiddiskutu magħhom is-suġġett tal-abbuż fuq l-anzjani:

- Dr Maria Aurora Fenech, Dipartiment tal-Ġerontoloġija, Università ta' Malta;
- Is-Sinj. Alexia Vella, Assistent Direttur, Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità;
- Is-Sinj. MaryGrace Cassar, *Occupational Therapist*;
- L-Onor. Anthony Agius Decelis, Segretarju Parlamentari għal Nies b'Diżabilità u Anzjanità Attiva;
- Is-Sur Philip Chircop, Fondazzjoni Nanniet;
- Dr Lynn Faure, Fondazzjoni Nanniet;
- Prof. Saviour Formosa, Dipartiment tal-Kriminoloġija, Università ta' Malta;
- Dr Anthony Scerri, Dipartiment tan-Nursing, Università ta' Malta;
- Is-Sinj. Karen Muscat, Residenza San Vinċenz de Paule;
- Is-Sur Anthony Mulè Stagno, Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani.

Is-seduti tal-Kumitat jinsabu online fis-sit www.parlament.mt u wieħed jista' jisma' r-recording tal-laqgħat jew jaqra d-dibattiti. Kull min tkellem fil-laqgħat formali tal-Kumitat ġie nfurmat li se jiġi rrekordjat permezz ta' audio u visual recording.

## Il-forom ta' abbuż

Matul il-laqgħat li kellu l-kumitat, kien hemm diversi mistiedna li spjegaw min jista' jkun ħati ta' abbuż fuq l-anzjani. Hemm it-tip ta' abbuż li jaqa' taħt il-vjolenza domestika, li jinkludi l-abbuż mill-ulied u minn familjari oħra fuq l-anzjani, kif ukoll mill-konjuġi bejniethom. Hemm ukoll l-abbuż mill-barranin, li jistgħu jkunu stranġieri, nies impjegati fid-djar residenzjali jew fl-isptarijiet fejn ikunu jirrisjedu l-anzjani, anzjani bejniethom stess u saħansitra l-anzjani fuq l-impjegati li jieħdu ħsiebhom. F'dawn l-aħħar snin bdiet il-prattika li xi anzjani jkollhom il-carers jieħdu ħsiebhom id-dar, u dan ukoll ġieli ta lok għal abbuż, fejn xi carers abbużaw mill-anzjani li kienu qed jieħdu ħsieb, jew fiżikament jew finanzjarjament.

Minbarra l-persuni differenti li jistgħu jkunu ħatja ta' abbuż fuq l-anzjani, il-Kumitat sema' wkoll dwar it-tipi differenti ta' abbuż li jista' jsir. Primarjament issemmew l-abbuż fiżiku, dak finanzjarju, dak emozzjonali jew psikoloġiku, abbuż sesswali, kif ukoll in-negliġenza.

Issemma' wkoll il-prekarjat, fejn persuna anzjana tkompli taħdem wara l-età tal-pensjoni, pero' tiġi offruta biss terz tas-salarju jew inqas minn paga minima u jġibuha part-time – dan jiġi aċċettat għaliex l-anzjan iħoss il-bżonn li jissupplimenta l-pensjoni b'introjtu ieħor.

Uħud mill-mistiedna taw eżempji ta' tipi ta' abbuż li jsiru u li jħabbtu wiċċhom magħhom f'xogħolhom. Issemma' l-abbuż mill-ulied, fejn dawn ġieli jieħdu l-flus tal-anzjani u jabbandunawhom. Kien hemm każijiet fejn l-anzjani minghalihom li marru għand nutar biex jiktbu l-wirt, u minflok iffirmaw għal prokura ġenerali fuq il-wild li akkumpanjahom. Sitwazzjonijiet oħra kienu jinkludu l-ulied li jieħdu l-flus tal-ġenituri li jgħixu f'dar residenzjali; ulied li jirrikattaw lill-ġenituri tagħhom li ma jħalluhomx jaraw lin-neputijiet jekk ma jtuhomx flus jew jaqduhom b'xi mod ieħor; anzjani li jiġu mwiegħda li membru tal-familja se jieħu ħsiebhom, jiffirmaw id-dokumenti imbagħad jispiċċaw f'dar tal-anzjani għax jiskopru li d-dar tagħhom saret tat-tfal jew ġiet mibjugħa. Issemmiet ukoll il-kwistjoni tan-nanniet li jiġu mċaħħda milli jaraw lin-neputijiet. Issemma' kif, minkejja li n-nanniet jistgħu jagħmlu rikors il-qorti, xorta waħda jibqgħu dipendenti fuq il-kunsens ta' min għandu l-kustodja tat-tfal. Naturalment, ma tistax tinqata' linja li tgħid illi n-nanniet li ma jingħatawx aċċess qed ikunu abbużati, għaliex jeżistu każijiet fejn ikun hemm raġunijiet validi għaliex dan l-aċċess ma jitħallix iseħħ.

Waħda mill-problemi tal-abbuż mill-ulied hi n-nuqqas ta' rappurtaġġ, fejn l-anzjani jibżgħu jirrappurtaw lil uliedhom stess, għal diversi raġunijiet, fosthom il-bżonn li t-tfal jibqgħu jmorru jarawhom u t-tama li ċertu abbuż ma sarx mit-tfal minkejja suspetti li jindikaw mod ieħor.

Issemma' wkoll l-abbuż li jista' jsir fid-djar residenzjali, speċjalment f'anzjani li għandhom xi tip ta' dipendenza fiżika jew konjittiva, kif ukoll dawk li jbatu mid-dimensja jew xi mard mentali. Il-Kumitat sema' kif f'*met-analysis* tal-*World Health Organisation*, instab li sa 62% ta' persuni li jaħdmu f'istituzzjonijiet ammettew li għamlu xi abbuż fuq l-anzjani f'dik is-sena.

Minn studju lokali li sar is-sena l-oħra fi swali akuti, instab illi xi persuni li jbatu bid-dimensja kienu qed jinżammu maqfulin jew marbutin sabiex ma jaħarbux mill-isptar. Dan it-tip ta' użu eċċessiv ta' trażżin mingħajr raġuni medika jista' wkoll jitqies bħala tip ta' abbuż. Matul xi intervisti li saru ma' pazjenti tad-dimensja fl-istess żmien, irriżulta li wħud mill-anzjani jixtiequ jimxu iktar pero' ma jitħallewx joħorġu barra u jkollhom jobdu. Jista' jkun li ċertu impjegati ma jkunux konxji li l-atteġġjament tagħhom qed ikun abbużiv – jekk dan hu minnu, għandha tittieħed azzjoni biex dawn jingħataw it-taħriġ meħtieġ, sabiex l-anzjani jingħataw il-kura dinjituża li jistħoqqilhom.

Matul il-laqgħat li kellu l-Kumitat, spikkaw numru ta' kwotazzjonijiet ta' anzjani li ġew intervistati, li juru kif verament iħossuhom fir-residenzi fejn qed jgħixu:

- "Jien ma nafda lil ħadd, lanqas lil uliedi! Dawk gidbuli, suppost ġejt hawn għal perjodu ta' konvalexxenza imma issa diġà għaddew sentejn u nofs minn mindu ġejt hawn"
- "Ħalli ngħidlek xi tfisser abbuż... Naf biċ-ċert li ibni mar jitkellem ma' xi ħadd kbir biex jien nidħol hawn. Smajt lill-istaff jitkellmu u smajthom jgħidu li aħjar joqogħdu attenti minni għax nista' nġibhom għall-frisk. Smajthom jgħidu li saret pressjoni kbira sabiex jien nidħol hawn. It-tajba hi li jien ma rridx noqgħod hawn. Jien ma rrid niġġieled ma ħadd. Mhux posti hawn".
- "M'hawn xejn tiegħi hawn. Ma naf lil ħadd. Kelli debba u mogħża, kienu l-għożża tiegħi. Min jaf x'sar minnhom. Imqar nista' narahom darb'oħra biss qabel nagħlaq għajnejja. Lanqas uliedi m'għadhom jiġu".
- "M'għandix bżonn ħarqa imma jinsistu li nagħmel il-bżonnijiet tiegħi fil-ħarqa. Naf li jien ħoxna u goffa, wegħedthom li se ngħinhom biex niċċaqlaq imma kien kollu ta' xejn. Fil-ħarqa kelli nagħmel!"
- "Ma jifhmunix meta nitkellem bil-Malti. Din x'biċċa hi? Imn'alla ngerfex xi ħaġa bl-Ingliż. Sabuni tajjeb għax issa anke bil-lejl qed jitolbuni l-għajnuna meta anzjani oħra jkollhom bżonn

xi ħaġa. Veru nħossni importanti għax anki l-files qed jagħtuni biex naqralhom għax mhux dejjem ikunu jifhmu l-Ingliż. Naf li mhux sitwazzjoni tajba imma jien miżmum fuq wiċċ l-idejn".

Realtà differenti li qed tfeġġ għall-anzjani huwa s-*cyber abuse*, li f'dawn l-aħħar snin spara 'l fuq. Illum ħafna iktar anzjani qed jidħlu fid-dinja tat-teknoloġija, pero' sfortunatament ġieli jispiċċaw vittmi tagħha wkoll. Kien hemm anzjani li rċevew emails fejn talbuhom il-kont tal-bank biex jgħaddulhom xi flus, dawn irrispondew u spiċċaw tilfu dak kollu li kienu ġemmgħu tul is-snin. Ir-realta' ta' anzjani li jispiċċaw vittmi ta' frodi tat-teknoloġija qegħda tikber u għaldaqstant beda jinħass il-bżonn ta' strateġija ta' prevenzjoni sabiex jikkumbattu l-previżjoni ta' iktar vittmi fis-snin li ġejjin.

Għandu jingħad ukoll illi bħal ma hawn abbuż fuq l-anzjani, hawn ukoll każijiet ta' abbuż mill-anzjani fuq persuni oħra. Bħala eżempju jistgħu jissemmew każijiet ta' anzjani li jabbużaw mill-impjegati li joffrulhom servizzi bħal *meals on wheels,* u *home help*, u oħrajn li jagħmlu xi tip ta' abbuż fuq il-persuni li jkunu qed jieħdu ħsiebhom id-dar, fost oħrajn.

**Il-kriminalità u l-anzjani**

L-esperti spjegaw lill-Kumitat kif il-kriminalità fis-soċjetà Maltija qed tinbidel minn reati li jsiru fil-pubbliku għal dawk li huma iktar personali, bħal ma hu ġlied, *bodily harm*, theddid u invażjoni tal-ispazju privat. Jidher illi l-vjolenza domestika fl-anzjani qegħda tiżdied. Fil-fatt, skont estimi li saru mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, huwa kkalkulat li hawn bejn 4,000 u 5,000 anzjan li f'ċertu punt kienu suġġetti għal xi forma ta' abbuż.

Il-Kumitat sema' wkoll kif minkejja li l-liġi tipproteġi lill-anzjani u anki tipprovdi għal reat b'aggravju, xorta waħda jibqa' l-fatt illi sakemm isir il-proċess legali, l-anzjan li seta' kien vittma ta' xi tip ta' serq jaf ma jkollux biżżejjed flus biex jgħix sakemm tasal il-pensjoni; l-anzjan li sgassawlu l-bieb u għamlulu xi ħsara fid-dar, jaf ma jkollux biżżejjed fondi biex isewwi l-ħsara li tkun saret. Ġie spjegat kif f'ċertu pajjiżi jeżisti fond monetarju fejn l-anzjani li jisfaw vittmi ta' dawn it-tip ta' reati jingħataw *vouchers* biex jixtru l-affarijiet bażiċi sakemm jerġa' jmisshom il-pensjoni, jew anki jsewwu xi ħsarat li jkunu sarulhom fid-dar fejn jgħixu.

Hemm tendenza illi fejn jidħlu l-anzjani jkollok *repeat victimisation*. Il-kriminali jitkellmu bejniethom dwar liema persuni huma l-iktar vulnerabbli, u dan ifisser li persuna li tkun diġa' sfat vittma, tista' terġa' ssir vittma għat-tieni u t-tielet darba, speċjalment fejn l-agressur ikun membru tal-familja.
Problema li jbatu minna l-anzjani hija r-rutina – huwa faċli għal persuna b'intenzjonijiet ħżiena li tara l-*pattern* ta' x'ħin joħorġu u jidħlu d-dar, ġimgħa wara ġimgħa, u kien hawn omiċidji ta' anzjani f'pajjiżna fejn kull m'għamel il-ħati kien li segwa r-rutina tagħhom u qatilhom fi djarhom.
Fl-ambitu tar-reati, tajjeb li wieħed jara wkoll dak li jseħħ fid-djar residenzjali. Id-Dipartiment responsabbli għall-anzjani spjega kif fl-2017 kien hemm 22 serqa, 5 rapporti ta' abbuż minn familjari u 15-il rapport ta' abbuż minn *staff*, li kien jinkludi wkoll l-abbuż fiżiku. Meta wieħed iqis li dawn ir-rapporti jkopru 2,100 pazjent, jara kemm jista' jkun diffiċli li jinqabad l-abbuż f'ċertu ċirkostanzi. Waħda mill-ostakli hija l-kwistoni tan-nuqqas ta' rappurtaġġ - l-anzjani jibżgħu jirrappurtaw għax jaħsbu li jistgħu jiġu agħar milli jkunu. Hemm ukoll każijiet fejn l-anzjani ma jirrealizzawx li qed ikunu suġġetti għall-abbuż, jew ma jkunux kapaċi jikkomunikaw dan l-abbuż minħabba xi kundizzjoni bħad-dimensja.

L-esperti wrew il-fiduċja tagħhom li s-sitwazzjoni li tirrigwarda r-reati b'mod ġenerali tista' tijieb jekk l-istrateġija għall-prevenzjoni tar-reati tiġi attwata u tintuża tajjeb.  Dan ma jfissirx biss li jonqsu r-rapporti, għax l-iskop mhuwiex li r-reati li jsiru ma jiġux rappurtati. Hemm bżonn li jonqsu r-reati u li

f'każ ta' nuqqas ta' rappurtaġġ, jiġi investigat għalfejn ir-rapport mhux qed isir u jittieħdu l-passi neċessarji.

**Id-djar residenzjali**

Il-Kumitat ingħata ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni preżenti f'Malta fejn jidħlu djar residenzjali tal-anzjani. Il-Gvern qed jagħmel użu minn madwar 2,500 sodda, li uħud minnhom huma tiegħu, oħrajn tiegħu u tal-privat, u l-kumplament mixtrijin mingħand il-privat. Kull anzjan li jidħol ġo dar residenzjali jiswa madwar €1,800 fix-xahar. L-anzjan innifsu jitteħdulu minn 60% sa 80% tal-pensjoni, skont il-bżonnijiet mediċi li jkollu, u l-Gvern iżid madwar €1,400 biex iħallas il-kumplament. Dan huwa investiment kbir fl-anzjani u huwa mistenni li s-servizz mogħti lilhom ikun wieħed ta' standard għoli, kif jixirqilhom. Dawn id-djar m'għandhomx ikunu sempliċiment postijiet fejn wieħed jieħu l-anzjani u jerħilhom għal riħhom – għandhom ikunu atrezzati bl-affarijiet kollha li jinstabu fil-komunità sabiex l-anzjan isib dak kollu li jista' jkollu bżonn.

Il-Kumitat sema' kif il-ħaddiema fid-djar tal-anzjani jridu jkunu mħarrġa biex jgħarfu l-abbuż u kif jieħdu ħsieb lill-anzjani li jkollhom taħt il-kura tagħhom. Issemma' l-bżonn ta' ċertu affarijiet sempliċi li jgħinu f'din it-tip ta' kura, u li ma titgħallimhomx fuq il-bank tal-iskola: li tmiss id anzjan biex iħossu sigur, li tieħdu passiġġata, jew sempliċiment li tixgħellu r-radju biex jisma' ftit mużika. Ġie spjegat ukoll kif f'każijiet ta' abbuż, hu importanti li jkun hemm politika ċara ta' x'għandu jsir biex dan l-abbuż jieqaf u jiġi investigat.

Preżentement l-Awtorità għall-iStandards Soċjali qed taħdem fuq standards għad-djar tal-anzjani – filwaqt li bħalissa l-liċenzji għad-djar tal-anzjani qed joħorġu mill-Health Care Standards, mill-2020 'l hemm ser jibdew joħorġu mill-Awtorità l-ġdida, skont l-istandards li se jkunu fformulati. B'dan il-mod, id-djar tal-Gvern u djar oħra minn fejn jinxtraw is-sodod iridu jkunu konformi mal-istandards u liċenzjati mill-Awtorità. Barra minn hekk, se tiddaħħal sistema fejn kull carer irid ikun kwalifikat – wara l-2020 kull persuna li trid taħdem bħala carer trid tippreżenta ċertifikat u warrant li juri l-kwalifikazzjoni tagħha biex tagħmel dan ix-xogħol.

**Titjib fil-kura tal-anzjani**

Fi żmien fejn il-popolazzjoni ta' persuni 'l fuq minn 60 sena leħqet madwar 120,000 ruħ, huwa imperattiv li l-qasam tal-anzjani jingħata l-importanza mistħoqqha. F'dawn l-aħħar snin saru emendi fil-liġi biex jiżdiedu l-pieni għal min jabbuża mill-anzjani, ġie maħtur Kummissarju tal-Anzjani u nfetħet konsultazzjoni dwar l-Att tal-Protezzjoni tal-Adulti. Fuq lat ftit iktar prattiku ġew imsaħħa s-sistemi ta' CCTV cameras fiż-żoni pubbliċi tad-djar residenzjali sabiex tiżdied is-sigurtà u l-monitoraġġ ta' dak li jkun qed jiġri; qed jiġu offruti numru ta' safes li fihom l-anzjani jkunu jistgħu jerfgħu oġġetti ta' valur; inbdew ukoll sessjonijiet ta' *pet therapy* fid-dar residenzjali San Vinċenz de Paule li qed tkun ta' benefiċċju kbir speċjalment fil-pazjenti li jbatu bid-dimensja.

Fl-istess waqt li l-Kumitat ġie mgħarraf bl-iżviluppi li seħħew fl-aħħar snin, sema' wkoll kif huwa inutli li jinbidlu l-postijiet u jsir ir-refurbishment jekk il-kultura interna tal-impjegati ma tinbidilx.

Ħafna drabi l-ewwel persuni li jindunaw bl-abbuż ikunu t-tobba tal-familja, l-infermiera li jaħdmu fil-komunità, fl-ambulanzi u fiċ-ċentri tas-saħħa. Filwaqt li barra minn Malta jeżistu numru ta' protokolli u screening tools li jintużaw f'każ ta' allegat abbuż, l-infermiera fid-dipartiment tal-emerġenza ta' Malta stqarrew illi ma jeżistix dan it-tip ta' protokoll u li meta jiltaqgħu ma' xi sitwazzjoni hekk, ħafna drabi jagħmlu incident report u jirrappurtaw lill-pulizija tal-emerġenza. Għaldaqstant huwa

indispensabbli li sabiex ngħinu lill-vittmi, noħolqu strutturi legali u soċjali li jsaħħu l-ġlieda kontra l-abbuż.

**Rakkomandazzjonijiet**

Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali sema' diversi esperti fuq is-suġġett u wara li analizza l-informazzjoni kollha li ġiet mgħoddija lilu, qed iressaq dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

- Bżonn ta' xelters adegwati fejn ikunu jistgħu jmorru anzjani li jinħarġu minn sitwazzjonijiet abbużivi – hekk jiġi evitat li xi anzjani jispiċċaw fi djar tal-anzjani għas-sempliċi raġuni li ma jistgħux imorru lura f'darhom;
- Iktar taħriġ għall-persuni u professjonisti li jaħdmu mal-anzjani, sabiex ikunu jistgħu jgħarfu l-abbuż filwaqt li jgħinu lill-familjari jevitawh u jieħdu ħsieb lill-anzjani tagħhom bl-aħjar mod possibbli;
- Taħriġ għall-anzjani nfushom sabiex ikunu jafu fejn għandhom jirrikorru meta jiltaqgħu jew isiru vittmi ta' xi tip ta' abbuż;
- Tim ta' professjonisti li f'każ ta' abbuż ikun jista' jmur fuq il-post u jagħti għajnuna ħolistika lill-vittma. Dan it-tim ikun jista' joffri l-għajnuna kollha li jkun hemm bżonn filwaqt li jibqa' jsegwi lill-vittma sakem jingħalaq il-każ;
- Riċerka dwar is-servizzi li qed jingħataw u x'titjib hemm bżonn sabiex dawn is-servizzi jkunu aktar b'saħħithom;
- Studju fuq il-bżonnijiet tan-nanniet u fuq il-problemi li qed jiffaċċjaw, inkluż il-firda u ċ-ċaħda min-neputijiet;
- Il-professjonisti li jaħdmu mal-anzjani, inklużi il-pulizija, ħaddiema soċjali, avukati, psikologi u kriminologi, għandhom jirċievu s-sapport meħtieġ biex ikunu jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom lill-anzjani fil-bżonn;
- Għandha tiġi kkunsidrata l-possibilità ta' *whistleblowing*, fejn persuna li tara kollega jabbuża minn xi anzjan, ikollha l-obbligu bil-liġi li tirrapporta dak l-abbuż;
- F'każ fejn koppja anzjana qed jgħixu waħedhom, il-pensjoni għandha tinqasam bejniethom, biex f'każ fejn ir-raġel ikun qed jabbuża, il-mara ma ssibx ruħha f'pożizzjoni li ma jkolliex flus biex tixtri l-bżonnijiet tagħha;
- Għandu jkun hemm fond monetarju għal dawk li jitilfu kollox minħabba xi abbuż finanzjarju jew għax ġew misruqa;
- Ikompli jsir ix-xogħol meħtieġ sabiex toħroġ il-liġi dwar il-protezzjoni tal-persuni vulnerabbli, sabiex l-anzjani jkunu protetti bl-aħjar mod possibbli.

**RAPPORT DWAR L-ABBUŻ MINN MINURI FUQ ADULTI**

**MILL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET TAL-FAMILJA**

**LULJU 2019**

F'Jannar tal-2019, il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet tal-Familja wera' x-xewqa li jiddiskuti l-fenomenu tal-vjolenza li sseħħ minn minuri fuq il-ġenituri tagħhom jew adulti oħra. Għaldaqstant sejjaħ żewġ laqgħat li għalihom stieden numru ta' esperti minn oqsma differenti sabiex jiddiskutu dan is-suġġett. Dawn il-laqgħat inżammu fit-30 ta' Jannar u fl-14 ta' Frar u matulhom, il-Kumitat iltaqa' ma dawn l-esperti:

- Is-Sinj. Ruth Sciberras, Operations Director, Aġenzija Appoġġ
- Is-Sinj. Colette Farrugia Bennett, Service Manager, Domestic Violence Services
- Is-Sinj. Maria Mangion, Service Area Leader, Domestic Violence Services
- Is-Sinj. Melissa Mifsud, Manager, Looked After Children Services
- Is-Sinj. Pauline Miceli, Kummissarju għat-Tfal
- Is-Sinj. Simone Azzopardi, Kummissarju għall-Vjolenza Domestika
- Is-Sur Marco Bonnici, President tal-Malta Union of Teachers

Il-vjolenza minn minuri fuq il-ġenituri tagħhom jew adulti oħra huwa suġġett li, minkejja l-kumplessità' tiegħu, għadu mhux riċerkat biżżejjed, mhux biss fuq livell lokali, iżda anki globalment. Wieħed isib quddiemu sitwazzjoni fejn minuri, li ġeneralment huwa meqjus bħala vittma tal-adulti, isir hu stess agressur. Din it-tip ta' vjolenza tiġi proġettata b'numru ta' modi: fiżikament, psikoloġikament, emozzjonalment u anki finanzjarjament, u ġeneralment il-vittmi tagħha jkunu l-ġenituri, n-nanniet, l-għalliema, l-LSA's, kif ukoll persuni oħra li jkunu qed jieħdu ħsieb lill-minuri.

Dan il-fenomenu ta' vjolenza minn minuri beda jidher fl-Aġenzija Appoġġ fl-2014 u kien għalhekk illi beda jingħata taħriġ lill-impjegati minn nies professjonisti fuq is-suġġett. Is-Sinj. Ruth Sciberras spjegat lill-Kumitat kif l-Aġenzija tara numru ta' każijiet matul is-sena, iżda jkun hemm uħud li jkollha tidħol fihom b'mod iktar intensiv sabiex tagħti l-għajnuna. Spjegat ukoll kif fuq dan is-servizz partikolari sar protokoll mal-iskejjel sabiex issir ħidma flimkien għall-ġid tat-tfal involuti għaliex l-imġieba mhux dejjem tkun konformi d-dar u l-iskola. Min-naħa tal-għalliema, is-Sur Marco Bonnici stqarr illi huma wkoll raw żieda ta' rapporti ta' aġir agressiv, li fil-maġġoranza tiegħu jsir minn studenti ta' kull eta', minn kinder sa sekondarja. Is-Sur Bonnici spjega kif ħafna għalliema ma jkunux iridu li tittieħed azzjoni għal bosta raġunijiet, fosthom li jistgħu jidhru inkompetenti, u anki għaliex kienu saru rapporti oħra fil-passat u baqa' ma sar xejn. Il-Kumitat sema' t-tħassib tal-Unjin illi hemm numru ta' għalliema li qed jgħixu f'din is-sitwazzjoni ta' abbuż verbali jew fiżiku b'mod regolari. L-aċċettazzjoni ta' dan it-tip ta' aġir fl-iskola ma jkolliex konsegwenzi biss fuq l-għalliem involut u fuq it-tfal li jkunu fl-istess klassi, iżda jkun qed jintbagħat messaġġ lil dan l-istudent li jista' jkompli jġib ruħu b'dan il-mod agressiv mal-familja, mal-ħbieb u fis-soċjeta'. Ma dan, wieħed għandu jżid ukoll il-każijiet fejn il-ġenituri, għal raġunijiet varji, ma jaċċettawx li uliedhom jingħataw l-għajnuna fl-iskejjel – f'każijiet hekk, ċertu servizzi jibqgħu ma jistgħux jingħataw minħabba n-nuqqas ta' kunsens tal-ġenituri, u t-tfal jibqgħu mingħajr l-għajnuna li jkollhom bżonn.

Il-Kumitat sema' bir-riżultati ta' analiżi li għamlet is-Sinj. Maria Mangion wara li studjat tmien każijiet u rat il-fatturi komuni. Hi spjegat kif kemm minn din l-analiżi, kif ukoll minn riċerka lokali ta' xi studenti u riċerka barranija, jirriżulta illi l-eta' medja tal-ġenituri li jkunu vittmi ta' abbuż minn uliedhom hija ta' bejn it-30 u l-45 sena. Ġie spjegat ukoll illi l-iktar tipi ta' abbuż komuni huwa dak fiżiku, emozzjonali u

psikoloġiku. Minkejja li l-abbuż sesswali ma deherx wisq, jista' jkun li dan ma jiġix rappurtat daqs tipi ta' abbużi oħrajn minħabba li hu *taboo.* Is-Sinj. Mangion qalet illi fil-kamp tal-vjolenza domestika, u partikolarment f'din it-tip ta' vjolenza, hemm element ta' nuqqas ta' rappurtaġġ għal numru ta' raġunijiet, fosthom il-mistħija tal-vittmi, l-kariga li jkollhom, il-fatt li jistgħu jidhru li fallew fit-trobbija ta' wliedhom u anki l-biża' li jeħdulhom it-tfal.

Il-professjonisti semmew ukoll kif mhux f'kull każ, l-agressjoni tkun bdiet mill-minuri – issemmew każijiet fejn l-omm kienet vittma ta' vjolenza domestika minn żewġha, dan ħareġ mid-dar matrimonjali pero' baqa' jikkontrolla lil martu billi mmanipula lit-tfal biex iġibu ruħhom b'ċertu mod ma' ommhom.

Is-Sinj. Melissa Mifsud kompliet tiftaħ ix-xenarju tal-abbuż minn minuri għal dak magħmul fuq *foster carers* jew nies oħra li jieħdu ħsieb tfal li mhumiex tagħhom. Hi spjegat kif wieħed mill-fatturi li jista' jwassal lil dawn it-tfal biex ikunu vjolenti hija r-rabja li jkolhom għal dak li jkunu għaddew minnu, jew inkella għax jaslu f'punt fejn jibdew jifhmu affarijiet li meta kienu iżgħar ma setgħux jifhmu, bħall-fatt li huma ġew abbandunati mill-familja tagħhom, jew li kellhom jitilqu mid-dar biex jieħu ħsiebhom xi ħadd ieħor.

Is-Sinj. Miceli spjegat lill-Kumitat kif filwaqt li trobbija f'ambjent ta' vjolenza tista' tagħti messaġġ li dak it-tip ta' aġir huwa aċċettabbli u huwa l-mod kif tirrisolvi l-problemi, hemm fatturi oħra li jistgħu jwasslu għal dan l-aġir fil-minuri. Semmiet iż-żewġ estremi tat-trobbija, fejn minn naħa l-ġenituri ma jagħtux nifs lit-tfal, u min-naħa l-oħra jerħulhom għal riħhom. Aċċennat ukoll għall-użu tat-teknoloġija, partikolarment tal-*video games* li jkunu vjolenti u fejn il-minuri jieħdu l-irwol ta' aggressur – f'dawn il-logħob virtwali t-tfal donnhom jiġu premjati talli joqtlu, jisirqu u jagħmlu affarijiet oħra li mhumiex aċċettabbli fis-soċjetà. Semmiet ukoll kif f'dan it-tip ta' logħob, il-minuri qed jesperjenzaw ħafna vjolenza, kemm fuqhom u kemm fuq ħaddieħor, pero' fir-realta' m'huma qed iħossu xejn. Dan it-tħassib esprimietu wkoll is-Sinj. Simone Azzopardi, li żiedet tgħid kif għal numru ta' adoloxxenti, l-*internet* sar qisu *babysitter*, speċjalment meta l-ġenituri ma jkunux id-dar u l-minuri jqattgħu ħafna ħin waħedhom.

Il-membri tal-Kumitat urew it-tħassib tagħhom għal din ir-realtà pjuttost ġdida li qed tevolvi fis-soċjetà u filwaqt li jaqblu ma dak li qalu l-esperti li dehru quddiem il-Kumitat, jagħmlu dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

1. Għandha ssir riċerka fuq is-suġġett sabiex l-entitajiet li qed jiffaċċjaw dawn il-problemi u dawk li qed jintalbu jagħtu l-għajnuna jkomplu jżidu t-tagħrif tagħhom fuq is-suġġett u jingħataw l-għodda meħtieġa.
2. Il-pubbliku għandu jiġi edukat dwar il-fatt illi l-vjolenza domestika tinkludi wkoll vjolenza minn minuri fuq adulti .
3. L-ugwaljanza għandha tiġi mgħallma minn età tenera sabiex nevitaw klikek ta' razez jew nazzjonilitajiet kontra xulxin.
4. Kull min qed jistenna wild għandu jattendi taħriġ fuq it-trobbija b'mod obbligatorju. Dan it-taħriġ jista' jkun marbut mal-ħlas tac-*Children's Allowance* b'mod illi l-applikazzjoni ma tiġix proċessata mingħajr iċ-ċertifikat ta' attendenza u parteċipazzjoni.
5. Għandha tingħata l-għajnuna neċessarja u b'mod immedjat lit-tfal li għandhom bżonnha.
6. Il-ħidma kontra l-bullying għandha tkompli tiżdied. Il-każijiet hemm bżonn li jiġu trattati b'urġenza sabiex l-aggressur ma jiħux iktar poter filwaqt li l-vittma ma tkomplix titkisser.
7. Kull skola għandu jkollha counsellor jew psikoterapista biex it-tfal li jkollhom bżonn l-għajnuna isibuha mill-ewwel.
8. Għandu jinstab mezz ta' kif iktar nies jitħajru jidħlu fil-*caring professions*. Sadanittant, għandu jsir *outsourcing* ta' sessjonijiet fil-privat u mħallsin mill-Gvern sabiex l-għajnuna meħtieġa tingħata immedjatament.